2 ta' Diċembru, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir. L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Mary Quintano *versus* Lawrence Quintano

**Alimenti — Separazzjoni Personali — Mara — Art. 6 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-mara għandha dejjem id-dritt tal-manteniment kontra żewġha, sakemm ma tiġix dikjarata li tilfet dak id-dritt għal xi raġuni valida fil-liġi; u l-obligu tar-raġel li jmantni lill-martu jispiċċa jekk din, wara li tkun telqet mid-dar ta' żewġha, tirrifjuta, mingħajr ma jkollha għaliex, li tmur lura f'daru. B'mod li, fil-konkors ta' ġusta kawża, il-mara miżżewġa tista' toqgħod imbegħda mid-dar konjugali mingħajr ma titlef id-dritt tagħha għall-alimenti; u ma għandhiex bżonn tirrikorri għar-rimedju estrem tas-separazzjoni.*

*Il-kawżi ġusti li skond il-liġi jagħtu lok għas-separazzjoni bejn il-konjuġi huma kawżi ġusti biex il-mara tirrifjuta li tmur lura fid-dak konjugali; iżda jista' jkun hemm kawżi oħra li, għalkemm mhux sufficjenti biex jilleġittimaw it-talba għas-separazzjoni, huma biżżejjed gravi biex jiġġustifikaw ir-rifjut tal-mara li terġa' tmur fid-dar ta' żewġha.*

*Il-mara għandha d-dritt li titlob l-alimenti b'kawża apparti mill-ġudizzju tas-separazzjoni anki jekk hija tkun ġa ntentat il-kawża għas-separazzjoni; u ma hix attendibbli l-eċċezzjoni tar-raġel fis-*

*sens illi l-proċeduri tas-separazzjoni jassorbixxu d-domanda għall-alimenti f'ġudizzju separat, u li għalhekk dan il-ġudizzju huwa vessatorju u inutilment dispendjuż.*

*Il-provvedimenti dwar l-alimenti huma ta' natura temporanea, fis-sens li jibqgħu jsehħu u jkollhom effett "perdurante causa" u "rebus sic stantibus".*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-attriċi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, fejn l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-konvenut, mingħajr ġusta kawża, qiegħed jirrifjuta l-manteniment lill-attriċi martu, talbet li l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja fil-mod, żmien u lok li jiġu stabbiliti mill-Qorti; bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittri uffiċjali tas-27 u 31 ta' Awissu 1955, u tal-mandat ta' sekwestru tat-2 ta' Settembru 1955, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal li huwa ma rrifjutax il-manteniment inġustament lill-attriċi, imma meta, bħala kap tal-familja, huwa kera dar oħra biex ibiddel l-abitazzjoni tagħhom, hija rrifjutat li tmur miegħu, jew illi ssegwieh, mingħajr ġusta kawża, non ostanti l-interpellazzjoni b'ittri uffiċjali; u għalhekk l-attriċi ddekadiet mill-alimenti; u illi, subordinatament, peress illi l-attriċi għamlet proċeduri għas-separazzjoni personali minnu (għalkemm inġustifikati), dawn il-proċeduri jassorbixxu l-kawża preżenti, li hija għalhekk vessatorja u inutilment dispendjuża;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-13 ta' Settembru 1955, li biha ġie dikjarat li l-attriċi kellha ġusta kawża biex ma tirritornax u tmur fid-dar tal-konvenut, u, wara li ċaħdet l-eċċezzjoni subordinata, ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi bħala rata settimanali, kull ġimgħa bil-quddiem, mill-jum tas-sentenza, l-ammont ta' £2. 12s. 6d, oltre l-kera tad-dar fejn toqgħod l-attriċi, jew band'oħra ta' mhux aktar minn £16 fis-sena; bl-ispejjeż għall-konvenut; wara li kkunsidrat:

Illi mill-attijiet tal-kawża jidher li l-instanti ġiebet 'il quddiem waqt is-separazzjoni "de facto" azzjoni għall-ali-

menti, li l-konvenut qiegħed joppponi principalment għaliex martu, regolarment interpellata b'att ġudizzjarju, irrifjutat li tmur fid-dar konjugali bla ġusta kawża; u subordinatament il għaliex hija rrikorriet lil dina l-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha ħalli tibda azzjoni ta' separazzjoni personali, liema azzjoni tassorbi l-azzjoni odjerna;

Illi, *in tema legali*, jingħad li huwa dmir ir-raġel miżżewweġ imantni lill-martu skond il-mezzi u l-pożizzjoni tiegħu (art. 2 Kap. 23), u li hija (il-mara) għandha tisma minnu, tgħammar miegħu kull fejn jidhirlu sewwa li jagħmel daru (art. 4(2) idem), kif ukoll li l-mara miżżewġa għall-manteniment tagħha għandha prijorità saħansitra fuq omm u missier u l-axxendenti tiegħu (ta' żewġha) (art. 5(1) idem); u fl-aħħarnett li d-dmir tar-raġel għall-manteniment tal-mara jispiċċa jekk din, wara li tkun telqet mid-dar ta' żewġha, ma tkunx trid, bla ma jkollha 'l għaliex, tmur lura fid-dar tiegħu (art. 6 idem);

Illi, fil-każ in diżamina, il-kontendenti kienu jgħixu fid-dar nru. 129 *Blanche Street*, Tas-Sliema, u l-konvenut biddel l-istess dar konjugali u mar joqgħod numru 10 Milner Street, l-istess distrett fuq imsemmi, fejn l-attriċi ma riedetx tmur toqgħod għar-raġunijiet li sejrin jingħadu. Peress li sanzjoni għal dan *in-nuqqas* hija l-provvediment kontenut fl-art. 6 tal-Kodiċi Ċivili, il-kommenti u interpretazzjonijiet ta' dan l-aħħar artikolu *msemmi* jagħmlu tajjeb għall-każ in kwistjoni;

Illi huwa risaput il-lum illi l-mara miżżewġa tista' tintenta *azzjoni* ta' l-alimenti mingħajr ma tkun l-istess akkompanjata simultaneament ma' l-azzjoni tas-separazzjoni personali (ara Prim'Awla Ċivili 7 ta' Frar, 1898, "Restall utrinque", Vol. XVI, P. II, p. 200, u Prim'Awla Ċivili 12 ta' Diċembru, 1935, "Conti utrinque", Vol. XXIX-II-949, u sentenzi hemm ċitati; u Kassazzjoni Napli 16 ta' Ġunju, 1899, *Ceravolo vs. Meliti*, Annali della Giurisprudenza Italiana vol. XXXIII, p. 399). Jingħad, però, li d-dritt ta' l-alimenti huwa suġġett għas-sanzjoni kontemplata fl-ipotesi ta' l-art. 6 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-kawżi ġusti li għalihom il-mara miżżewġa tista' tirrifjuta li tirritorna fid-dar konjugali huma moltepliċi u

varji, u l-istess huma mħollija, għad-determinazzjoni u apprezzament tagħhom, fis-savju u prudenti kriterju tal-ġudikant, li lilu hija affidata t-tutela tal-bwon ordni tal-familja;

Illi huma normalment kawżi ġusti tas-sospensjoni talkomunanza tal-ħajja, anki *temporanea*, bejn il-miżżewġin, mhux biss dawk li skond il-Kodiċi Ċivili jagħtu u joħolqu dritt għat-talba ta' separazzjoni personali, imma anki dawk rikonoxxuti mill-awtorità ġudizzjali bħala gravi u sproporzjonati, purkè jkollhom il-karattru ta' l-attwalità u abitwalità (ara Appell Lucca 26 ta' Ġunju, 1883, Papanti Dal Borgo vs. Dal *Borgo*, Annali *della Giurisprudenza* Italiana 1883, Vol. XVII, paġ. 341). Huwa għalhekk li l-allontanament temporaneu talmara mid-dar konjugali jista' jkun ġustifikat minn motivi anqas gravi minn dawk li jeħtieġu għas-separazzjoni personali (ara Appell Bologna 16 ta' Marzu, 1903, Bruschi vs. Balboni, Temi Veneta, Vol. 1903, paġ. 296). Anki dissidju jew tensjoni *ta' l-animu* bejn il-miżżewġin, minn dawk li jikkorrispondu għal kawżi leġittimi ta' separazzjoni, jiġġustifikaw l-abbandun definitiv (ara Kassaz. Torin 15 ta' Ġunju, 1900, Biasotti vs. Marchielli, Monitore dei Tribunali, anno 1901, p. 226). Ma hemmx bżonn jingħad li l-maltrattamenti u s-sevizji tar-raġel (ara Kassazzjoni Ruma, 31 ta' Jannar, 1895, *Bratti* vs. Mazzoli, Legge 1895, P. II. 9.75), l-inġurji gravi (Appell Cagliari, 2 ta' April, 1901, Cadeddu vs. Piras, Giurisprudenza Sarda 1901, p. 167), jiġġustifikaw l-allontament u r-rifjut tar-ritorn fid-dar konjugali;

Illi anki skond il-ġurisprudenza tagħna dawna l-kawżi huma ġusti sabiex konjuġi jirrifjuta li jmur fid-dar konjugali (*ara s-sentenza fuq ċitata* tal-Prim'Awla *Ċivili* fl-*ismijiet* "Conti utrinque" tat-12 ta' Diċembru, 1935 — Vol. I. XXIX-II-849); u jinstabu oħrajn li fost il-kawżi ġusti għar-rifjut idaħħlu wkoll il-fatt li r-raġel ikun irid jieħu l-mara tgħix ma' niesu, jew f'dar li mhix verament u serjament tiegħu, iżda ta' nies li huma qraba bid-demm miegħu (ara Appell 12 ta' Diċembru, 1951, fl-ismijiet "Domenica mart *Luigi* Abdilla vs. l-istess Luigi Abdilla", konfermanti dik tal-Prim'Awla Ċivili tas-27 ta' Ġunju, 1951; u Appell 13 ta'

April, 1953 "Giovanna mart Carmelo Debono vs. l-istess Carmelo Debono";

Illi, stabbiliti l-prinċipji li jistgħu jirregolaw il-materja in diskussjoni, dwar il-fattijiet jingħad illi l-istess, in kwantu għar-raġuni oppożitorja ta' l-attriċi li tmur tgħammar malkonvenut, huma ta' natura varjanti. Infatti, x'uħud minnhom huma ta' karattru materjali, u oħrajn ta' karattru morali. Tabilħaqq, jidħlu taħt l-ewwel speċi d-diportament, ixxenati għal kwalunkwe kontrattemp, u l-kliem volgari talkonvenut, kif ukoll ċerti pettegolezzi li ma jirrendux il-ħajja konjugali possibbli; mentri t-tgerġir abitwali u kontinwu, innuqqas ta' fiduċja, in-nuqqas ta' protezzjoni, u l-kliem iebes u ngurjuż, jidħlu taħt it-tieni raggruppament li kellha tagħmel il-Qorti sabiex tisfronda l-provi;

Illi, fil-verità, jingħad li d-dissidji ......;

Illi mbagħad, l-isfiduċja tal-konvenut f'materja li fiha mhix implikata l-fedeltà konjugali, u preċiżament fil-ħsieb li kienet qegħdha tissugaħ dwar il-flus tal-għajxien li kien jagħtiha, l-impożizzjoni tal-ġurament sabiex jassikura għamletx bajd jew le fl-ikel li kien jirrikjedieħ, l-assolutezza eżaġerata li ma jħallhiex tmur il-belt taqdi l-affarijiet tagħha personali, l-avvertiment li ma tużax it-telephone, it-tgħajjir li kienet marret il-ħabs (li fuqu l-Qorti sejra titkellem aktar bid-dettall 'il quddiem), u tgerġir kontinwu u abitwali dovut għallkarattru tal-konvenut, li jibqa' jaħseb u jirrumina fuq l-affarijiet li jgħaddu minnu ......;

Illi dwar l-okkażjoni meta l-konvenut ammetta li huwa għajjar lill-martu li marret il-ħabs (fatt pożitiv li ġara waqt il-gwerra, l-għaliex l-attriċi kienet ħadet xi ikel mill-Victory Kitchen mingħajr awtorizzazzjoni), jingħad li l-partijiet jagħtu verżjoni differenti ......;

Illi kwindi, skond il-ħsieb ta' din il-Qorti, l-attriċi kellha raġuni ġusta biex ma tmurx fid-dar tal-konvenut;

Illi, stabbilit dak li ntqal fuq. dina l-Qorti, qabel ma tgħaddi sabiex tiddetermina r-rata alimentarja, tafferma li l-eċċezzjoni subordinata ma tippreklud̀ix dina l-fissazzjoni;

għar-raġuni li l-proċeduri għas-separazzjoni *personali* meta bdiet il-kawża kienu għadhom fi stat preparatorju, u l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti sallum għadha ma ġietx ottenuta. U anki jekk tiġi ottenuta, xejn ma jista' jimpedixxi lill-partijiet li jagħmlu b'mod li dina s-separazzjoni tal-komunanza tal-ħajja komuni ta' natura temporanea tispiċċa, kif huwa tama u xewqa ta' kullħadd, b'rikonċiljazzjoni; u l-għaliex, jekk dawk il-proċeduri jkomplu l-kors tagħhom, ir-rata fissata tiġi, kif dejjem ġiet, meħuda in konsiderazzjoni fil-kawża tas-separazzjoni; u fl-aħħarnett l-għaliex, peress li l-konvenut mhux qiegħed imantni lill-attriċi, u peress li l-alimenti fil-kawża tas-separazzjoni ma humiex ta' indoli retroattiva, l-attriċi, li għandha "jure actionis" id-dritt li tkun alimentata, tkun preġudikata għaż-żmien li jgħaddi qabel ma tiġi mqegħdha fuq il-lista u trattata l-kawża "de qua dicimus";

Illi, wara li ġie premess dan li ntqal, m'hemmx bżonn lanqas li l-eċċezzjoni subordinata ma tistax u ma għandhiex tiġi intrattenuta favorevolment; u konsegwentement tiġi skartata;

Illi jibqa' għall-Qorti li tiddetermina r-rata alimentarja li skond il-liġi għandha tistħoqq lill-attriċi;

*Illi* l-mantenimment jinkludi l-ikel, l-ilbies u l-abitazzjoni (*ara* art. 26(1) Kap. 23); irid jiġi *mogħti lill-attriċi skond* il-mezzi u l-pożizzjoni tal-konvenut (art. 3 (2) idem); u l-ammont għandu jiġi *regolat* skond l-art. 27 tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoè skond dak li jaqla' mill-professjoni, arti, sengħa, salarju, jew pensjoni governativa, jew li jirċievi mingħand ħaddieħor, u l-utili tal-beni, sew mobili kemm immobili, ta' l-obligat, u l-valur tal-proprjetà mobili u immobili tar-reklamanti;

*Illi* l-attriċi ma għandha ebda xorta ta' proprjetà ......;

Illi, meħuda in konsiderazzjoni l-provi dwar dina l-materja, ...... ir-rata ta' £2.12.6 fil-ġimgħa hija ġusta u ekwa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi respinta t-talba ta' l-attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-mara għandha dejjem id-dritt tal-manteniment kontra żewġha, sakemm ma tiġix dikjarata li tilfet dan id-dritt għal xi raġuni valida fil-liġi. Fil-każ preżenti, l-appellant qiegħed *isostni li l-obbligu tiegħu li jmantni lill-martu* spiċċa għaliex l-attriċi, għalkemm uffiċjalment interpellata, irrifjutat li tmur tgħix miegħu mingħajr ma kellha raġuni tajba biex tiġġustifika dak ir-rifjut. Skond il-liġi (art. 6 Kodiċi Ċivili), l-obbligu tar-raġel għall-manteniment ta' martu jispiċċa jekk hija, wara li tkun telqet mid-dar ta' żewġha, tirrifjuta, mingħajr *ma jkollha l-għaliex, li tmur lura f'daru. Għalhekk,* fil-konkors ta' ġusta kawża, il-mara miżżewġa tista' toqgħod imbegħda mid-dar ta' żewġha mingħajr ma titlef id-dritt tagħha għall-alimenti; u hija ma għandhiex bżonn tirrikorri għar-rimedju estrem tas-separazzjoni, għaliex, kif jgħid il-Borsari, "ella non può essere costretta a romperla col marito, sia *perchè i motivi potrebbero non essere di tanta importanza* da autorizzare la separazione, ed intanto essere sufficienti per dare luogo a provvedimenti temporanei che rendano innocuo alla moglie l'allontanamento dalla casa del marito". Il-kawżi li skond il-liġi jagħtu lok għas-separazzjoni bejn il-konjuġi huma kawża ġusta biex il-mara tirrifjuta li tmur lura fid-dar konjugali; iżda *jista' jkun hemm kawżi oħra li,* għalkemm mhux suffiċjenti biex jilleġittimaw it-talba għas-separazzjoni, ikunu biżżejjed gravi biex jiġġustifikaw ir-rifjut tal-mara li terġa' tmur ma' żewġha (Appell Ċivili 13 ta' April, 1953, in re "Giovanna Debono vs. Carmelo Debono");

Ikkunsidrat;

Illi *l-kontendenti, li t-tnejn kienu miżżewġin* qabel, u pjuttost avanzati fl-età, billi l-appellant għandu 66 sena u martu 52, iżżewġu fix-xahar ta' Ġunju, 1955. Mill-kumpless tal-provi rriżulta li sa minn ftit granet wara ż-żwieġ bdew id-dissidji u l-ġlied bejniethom, aktarx dovuti għall-fatt li l-appellant, billi kien imur l-uffiċċju darba kull tant, kien kontinwament *joqgħod id-dar* u jindaħal fl-affarijiet li, bħala regola, l-irġiel ma jindaħlux fihom. Il-ġlied bejniethom kien ta' spiss, u kienu jsiru xenati kbar fuq affarijiet ta' importan-

za żgħira, li normalment il-miżżewġin, speċjalment tal-kondizzjoni soċjali tal-kontendenti, jittollleraw viċendevolment u jaħfru lil xulxin u jinsew malajr. Il-kawża prinċipali ta' dak il-ġlied kien l-appellant, li kien jindaħal u *kien irid* jikkontrolla kif l-attriċi kienet tipprepara l-ikel, kien jirrifjutalha li tagħlaq bieb biex *tevita* li fil-kamra tas-sodda tagħha tidħol ir-rieħa tal-pitrolju li kienet ġejja mill-''fridge'', kien jimpediha milli tagħmel użu mit-telephone, u *kien jimpediha* li toħroġ mid-dar biex tmur il-Belt taqdi l-affarijiet tagħha personali. Fl-okkażjoni ta' dak il-ġlied l-appellant għajjar lill-martu li kienet marret il-ħabs, u l-attriċi rritorċiet li l-ħabs messu mar hu għax kien ikkommunika l-elettriku minnghajr ma għaddieh mill-meter. Darb'oħra, billi waqt il-ġlied sar ħafna għajjat li nstama' minn barra, xi ħadd mill-viċini għamel rapport lill-Pulizija, u meta marru biex jaraw x'ġara l-appellant qallhom li l-istorbju sar għax martu kienet marret il-dar fil-ħdax ta' bil-lejl — ħaġa li ma kienetx vera, u qallhom li anki martu kienet ħadet parti f'dak l-irvell. F'okkażjoni oħra l-kontendenti kellhom xi jgħidu fuq il-pulpetti tassalamun li l-attriċi kienet ippreparat għall-ikel; l-appellant għamel xenata, u l-attriċi, f'mument ta' eżasperazzjoni, anki minħabba r-ripetizzjoni ta' l-inġurja li kienet marret il-ħabs, qaltlu ''jiena u int sejrin nispiċċaw ħażin, jew inti titfa' xi ħaġa lili jew jien nixħet lilek''. Fuq hekk l-appellant kien pront għamel rapport lill-Pulizija li martu għedditu li toqtlu. Dak ir-rapport huwa għamlu bil-miktub, u baqa' jsostnieħ anki l-għada li ġara l-fatt, meta s-saħna tal-mument kienet għaddiet u messha rritornat il-kalma. Darb'oħra l-attriċi xtrat dulliegħa għaliha u għall-bintha, u frott ieħor għall-appellant; dana għamel xenata għaliex qal li d-dulliegħ huwa ma jħobbux. Kien hemm okkażjonijiet oħra li, waqt it-tlewwim, l-appellant inġurja lill-martu li kienet qegħdha tiskrukkjaħ, u indirizza frażijiet volgari għar-raġel li kellha qabel;

Ikkunsidrat;

Illi ċ-ċirkustanzi fuq elenkati, li ġraw fil-perijodu ta' appena xahrejn miż-żwieġ tal-kontendenti, meta normalment il-konjuġi jkunu jgħixu fl-akbar armonija, huma suffiċjenti biex juru l-karattru ta' l-appellant, intolleranti, litiġjuż, u mieqes

minn kwalunkwe rigward lejn martu. Id-diportament ta' l-appellant, ix-xenati ta' spiss, id-dgergir abitwali u kontinwu, in-nuqqas ta' fiduċja, il-kliem inġurjuż indirizzati lill-martu, u n-nuqqas ta' interess għall-istess martu, kif juru ż-żewġ inċidenti mal-Pulizija fuq indikati, huma suffiċjenti biex jiġġustifikaw ir-rifjut ta' l-attriċi li tmur fid-dar ma' żewġha;

Ikkunsidrat;

Illi huwa magħruf li l-provvedimenti dwar alimenti huma ta' natura temporanea, fis-sens li jibqa' jkollhom effett "perdurante causa" u "rebus sic stantibus";

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, l-appell ma jistħoqqlux jiġi milqugħ;

Għaldaqstant;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.